

It-Tlieta 15 ta' Jannar 2019

P8_TA(2019)0002

Konklużjoni tal-ftehim ta' status bejn l-UE u l-Albanija dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta l-Albanija ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2019 dwar l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Albanija (10302/2018 – C8-0433/2018 – 2018/0241(NLE))

(Approvazzjoni)

(2020/C 411/31)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10302/2018),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Albanija (10290/2018),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 77(2)(b) u (d), l-Artikolu 79(2)(c) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0433/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0463/2018),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Albanija.